**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-3 TA' DIĊEMBRU 2020**

**Kawża Numru: 3K**

**Rik. Kost. 132/2019 RGM**

**Gladys Sant Fournier (I.D. 723145M), Stephen Sant Fournier (I.D. 239265M), Rita Anne Mary Sant Fournier (I.D. 13412A), Simon Sant Fournier (I.D. 378172M), Diane Sant Fournier (I.D. 183479M), Sean Sant Fournier (I.D. 315577M), Claude-Anne Sant Fournier (I.D. 350180M), Silvana Sultana (I.D. 355767M); Elizabeth Apap Bologna (I.D. 854750M) u Baron Properties Limited (C-23087)**

**vs.**

**L-Avukat Ġenerali, illum Avukat tal-Istat; u b'sentenza in parte tat-18 ta' Ġunju 2020 ġew kjamati in kawża Gasan Enterprises Limited u Chemimart Limited u b'digriet tat-22 ta' Settembru 2020 Kemimport Limited ġiet awtorizzata tintervjeni *in statu et terminis*.**

**Il-Qorti:**

Rat it-talba maghmula minn Dr Edward Debono ghan-nom tal-intervenuta fil-kawza Kemimport Limited fl-udjenza tal-10 ta' Novembru 2020 li permezz taghha talab illi s-socjeta' intervenuta fil-kawza tigi awtorizzata tipprezenta risposta ghar-rikors promotur;

Rat l-objezzjoni maghmula fl-istess udjenza minn Dr Evelyn Borg Costanzi ghan-nom tar-rikorrenti ghar-ragunijiet hemm moghtija;

Rat illi l-Qorti halliet l-imsemmi rikors ghallum ghall-provvediment;

Rat l-atti;

Ikkonsidrat;

Dan il-provvediment jirrigwarda in-nuqqas ta' qbil bejn ir-rikorrenti u l-intervenuta fil-kawza dwar jekk intervenut *in statu et terminis* ghandux id-dritt li jipprezenta eccezzjonijiet formali ghar-rikors promotur.

Ir-rikorrenti jsostnu illi kjamat in kawza m'ghandux tali dritt in kwantu ma hux parti fil-kawza izda semplicement osservatur. Mill-banda l-ohra l-intervenuta fil-kawza ssostni illi tenut kont l-istadju li fih giet ammessa bhala intervenuta *in statu et terminis* hija ghandha dritt li tressaq l-eccezzjonijiet kollha permissibbli ghar-rikors promotur.

Ikkonsidrat;

In tema legali ssir referenza ghas-segwenti gurisprudenza:

Il-Qorti tal-Appell f'sentenza moghtija fl-10 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet **Markiz Joseph Philip Testaferrata Bonnici et vs Evelyn Micallef Agius et** iddikjarat illi: “bhala terz interessat ammess fil-proceduri hu jista’ anke “sostenendo la ragione sia dell’ attore, sia del convenuto, ed altre volte pure i propri diritti in confronto sia dell’ uno che dell’ altro, provocare una decisione entro i limiti dell’ azione intentata” (Kollez. Vol. XVI P I p 117). Huwa veru illi skond il-vot tal-ligi (Artikolu 960 [sic]) l-intervenut fil-kawza ma jissospendix il-procediment. B’danakollu, kif issokta jigi enuncjat, “dan ma jfisserx illi fl-attijiet ulterjuri li jkunu ghadhom iridu jsiru ghall-istruzzjoni tal-kawza, l-intervenut ma jistax japprofitta ruhu mill-mezzi kollha li taghtih il-ligi biex igib ‘il quddiem ir-ragunijiet tieghu” (Kollez. Vol. XXXII P I p 477). Minn dan jitnissel illi la darba akkolta t-talba tieghu biex jiddahhal fil-kawza, huwa kellu d-dritt li jippartecipa fl-incidenti kollha taghha u li, sa dak il-mument, kienu ghadhom mhux decizi. Dan hu seta’ jaghmlu anke billi jressaq l-eccezzjonijiet proprji u jqajjem diskussjoni dwarhom. Ara “**Joseph Galea -vs- Alfred Cardona**”, Appell Kummercjali, 28 ta’ Lulju 1987 u l-kazistika f’din kompendjata;” Fil-kawza citata l-Qorti tal-Kummerc kienet ordnat l-isfilz tan-nota ta' eccezzjonijiet imressqa mill-intervenut fil-kawza peress li gietipprezentata meta l-kawza kienet differita ghas-sentenza f'kawza fejn il-konvenut kien baqa' kontumaci.

F'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru 2016 fl-ismijiet "**John Xuereb et vs John Hili**" il-Qorti irrevokat decizzjoni tal-prim' istanza li kienet cahdet it-talba tal-intervenut sabiex jipprezenta l-eccezzjonijiet ghat-talbiet attrici wara li kkonsidrat illi “Dan ifisser illi: i. jistgħu jingħataw eċċezzjonijiet “f’waqt ieħor tal-kawża”, i.e. ukoll wara li jkunu għalqu l-proċeduri bil-miktub, sakemm tintwera raġuni valida għalhekk (art. 728(2)); ii. eċċezzjonijiet li b’disposizzjoni espressa jistgħu jingħataw f’kull waqt, e.g. eċċezzjoni ta’ preskrizzjoni, ukoll jistgħu jingħataw wara li jkunu għalqu l-proċeduri bil-miktub (art. 731); iii.eċċezzjonijiet perentorji wkoll jistgħu jingħataw wara li jkunu għalqu l-proċeduri bil-miktub (art. 732) L-ewwel qorti għalhekk ma kienx imissha ċaħdet it-talba tal-intervenuti fil-kawża qabel ma dawn ikunu qalu x’eċċezzjonijiet iridu jressqu, biex tara jekk humiex fost dawk l-eċċezzjonijiet li jistgħu jitressqu wkoll f’dan l-istadju, u dan il-ġudizzju għandu jsir mill-ewwel qorti wkoll fid-dawl tal-fatt illi għalkemm teknikament l-intervenuti fil-kawża ma humiex parti konvenuta, madankollu kundanna tal-konvenut biex iħallas

tkun potenzjalment tiswa daqs kundanna tal-istess intervenuti bis-saħħa tar-reg. 25(2) tal-L.S. 403.13."

Fuq l-istess linja ta' hsieb hija s-sentenza moghtija fit-18 ta' Lulju 2014 mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet "**Christopher Cassar vs LAvukat Generali et**":-

: "…persuna li tigi awtorizzata tintervjeni f'kawza in statu et terminis, ghalkemm bil-permess tal-Qorti tista' tissolleva kwalunkwe eccezzjoni, ma ssirx parti fil-kawza…"

Intqal ukoll illi ghalkemm intervenut fil-kawza ghandu dritt iressaq eccezzjonijiet ghat-talbiet attrici, tali dritt ma hux lilu moghti jekk l-eccezzjoni li huwa jrid iressaq tkun gia' giet deciza mill-Qorti fl-istadju anterjuri ghad-digriet li permezz tieghu awtorizzat l-intervent in statu et terminis [Ara **Alex Azzopardi vs Anna Ellul et - PA - 29.10.2010 ]**

Issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu 2017 fl-ismijiet fl-ismijiet "**Go plc vs L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u -Ippjanar et"::-**

"intervenut fil-kawza jidhol fil-kawza fl-istadju li tkun waslet il-kawza u ghalhekk ma jistax jiftah iI-kawza mill-gdid b'eccezzjonijiet godda kemm dawk ta' natura sostantiva jew ta' natura procedurali li jistghu jitqajmu biss f'certi fazijiet tal-kawza. Ghalhekk il-ligi trid li l-intervenut jidhol fil-kawza fl-istat li tkun waslet fih il-kawza u fit-termini taghha."

Gie wkoll dikjarat illi l-intervenut fil-kawza ma hux semplicement osservatur kif jirritjenu r-rikorrenti izda ghandu wkoll id-dritt li jressaq il-provi. Rilevanti is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Dicembru 2005 fl-ismijiet "**Mark Micallef vs Kontrollur tad-Dwana et":-**

"…il-ligi stess tghid li l-intervenut, galadarba ammess jintervjeni mill-Qorti, jitqies bhala "parti fil-kawza" – ara l-Artikolu 960 tal-Kap. 12. L-intervenut jintervjeni biex jipprotegi l-interess tieghu (ara, obiter, Constantino sive Lino Grech et v. Onor. Nutar Dr. Alex Sciberras Trigona et Qorti ta' l-Appell, 20 ta' Frar 1996), liema interess irid

ikun interess sostanzjali u dirett fil-kawza, u mhux semplicement interess fl-ezitu ta' dik il-kawza (Mario Galea Testaferrata et v. Il-Prim Ministru et Qorti Kostituzzjonali, 10 ta' Jannar 2005). Huwa ghalhekk li l-intervenut fil-kawza ghandu dritt jaghmel sottomissjonijiet u anke jressaq provi."

Ikkunsidrat;

Una volta s-socjeta' intervuta fil-kawza Kemimport Limited giet awtorizzata li tintervjeni in statu et terminis fi stadju bikri tal-kawza meta sa issa kull ma gie deciz hija l-eccezzjoni preliminari tal-intimat Avukat tal-Istat sabiex jissejhu fil-kawza zewg socjetajiet kummercjali; u meta l-kawza tinsab fi stadju bikri ghall-gbir tal-provi tar-rikorrenti; huwa evidenti illi s-socjeta' intervenuta fil-kawza ghandha dritt li tressaq eccezzjonijiet ghat-talbiet attrici.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' t-talba tas-socjeta' intervenuta fil-kawza u tawtorizzaha tipprezenta risposta ghar-rikors promotur zmien ghoxrin jum millum.

Spejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

**Moqri.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**
3 ta' Dicembru 2020